ITTRA PASTORALI

# KRISTU MEDIĊINA GĦALL-MARD TAGĦNA

RANDAN 2016

Min minna ma jafx x'inhu l-mard? Fl-istess nifs li ssemmi l-bniedem, ma tistax ma ssemmix il-mard. Ladarba aħna dgħajfin, aħna suġġetti għall-mard. Imma għalkemm il-mard huwa parti mill-istorja ta' kull wieħed u waħda minna, mhux kulħadd jiffaċċjah bl-istess mod: issib min jaċċetta l-marda tiegħu, imma hemm min jitgħawweġ u jitkisser taħt il-piż kiefer tal-mard; anzi ħafna drabi mal-persuna marida jbatu tal-familja u dawk ta' madwarha.

Meta qed nitkellmu dwar il-mard ma nifhmux biss il-mard fiżiku imma hemm mard ieħor li kapaċi jherrina minn ġewwa. Nagħtu xi eżempji.

Hemm mard li jolqot u joqtol ir-relazzjonijiet ta' bejnietna, speċjalment dawk familjari; mard li jmermer ir-relazzjonijiet fil-komunità ekkleżjali u fid-diversi oqsma tas-soċjetà.

Imbagħad hemm mard ta' natura morali. Ilkoll nafu x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, x'għandna nagħmlu u x'għandna nevitaw. Infatti San Pawl jgħid li kull bniedem għandu dan imnaqqax f'qalbu[1]. Imma f'għadd ta' drabi nsibu ruħna qegħdin nagħmlu dak li ma nixtiqux li nagħmlu, b'konsegwenzi koroh għalina nfusna u għall-oħrajn.

Hemm mard ta' natura spiritwali meta l-bniedem, minkejja li jagħmel ħiltu biex jgħix ħajja onesta, iħossu sajjem minn Alla. Ma jkunx jista' jifhem kif Alla jinħbielu u bħal donnu jitilqu waħdu u għalhekk spiss jistaqsi fejn hu Alla jew għaliex Alla jibqa' sieket.

Hemm il-ġerħat emozzjonali meta l-bniedem jintebaħ li qed jiġi skartat, tradut, umiljat, kalunjat, imqarraq u trattat inġustament.

1 ara Rum 7:15-25

Dan il-mard jimliena b'ħafna diqa, qalbna titqal, ningħalqu fina nfusna u ninqatgħu mill-oħrajn. Agħar minn hekk huwa meta ħaddieħor iwarrabna minħabba l-mard tagħna. Flok ma nsibu l-kenn u l-faraġ, nintebħu li hemm min jistħi jgħid li jiġi minna li aħna morda; spiss ma jibqgħux jgħodduna fiċ-ċirku tagħhom minħabba l-effett tal-feriti li jkollna. Il-komunità Nisranija mhix ħielsa mit-tentazzjoni li twarrab lil min "jimrad" u hekk tkompli tgħakkes lil min hu magħkus.

Ftit jiem ilu ċċelebrajna l-festa tan-nawfraġju ta' San Pawl. Forsi hemm min jaħseb li tul it-tliet xhur li kien fostna, Pawlu qagħad jgħammed, iqaddes u forsi wkoll jagħmel xi festa! Imma skont dak li San Luqa jikteb fl-Atti tal-Appostli, Pawlu ħaġa waħda għamel: bil-ministeru tiegħu bħala appostlu ta' Ġesù Kristu maħtur għall-Evanġelju, huwa fejjaq lil missier Publiju li kien marid bid-deni u d-disenterija. Wara dan il-fejqan, in-nies ħarġet bi ħġarha u ressqulu lill-morda tagħhom biex jeħlishom mill-mard[2]. Dan kien il-qofol tal-attività pastorali tal-Appostlu Missierna fostna!

Dan għandu jagħmlilna l-qalb, għax jekk il-feriti huma parti mill-identità tagħna, jekk naħbtu nitilfu kull tama minħabba l-piż tal-mard tagħna, illum nistgħu nersqu għand dak li f'ismu Pawlu fejjaq: għand Ġesù Kristu. Dak li għadda mit-toroq tal-Palestina jgħallem u jfejjaq[3], illum ukoll jgħaddi mit-toroq tagħna – jgħaddi qrib tagħna – u lest li jfejjaqna minn kull xorta ta' mard. Nistgħu ngħidu li m'hemm l-ebda marda li ma tistax titfejjaq minn Ġesù. Ħaġa waħda hi meħtieġa: li nqiegħdu l-qagħda vera tagħna quddiemu, konvinti li Hu għandu "kelma" li tfejjaq il-ġerħat. Għalhekk nixtiequ

2 ara Atti 28:8-9
3 ara Atti 10:38

li matul dan il-Ġublew jidwu f'widnejna l-kliem tal-appostlu Ġakbu: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli jsejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid"[4]. Din hija l-missjoni tas-saċerdot: mhux li jikkundanna jew jiskomunika, imma li jpoġġi jdejh fuq il-marid u jitlob fuqu l-ħniena ta' Alla li tfejjaq.

Għalhekk bħala l-Isqfijiet tagħkom nagħmlulkom appell biex jekk hawn xi ħadd fostna li hu marid, fil-familja tagħna jew fil-komunità tagħna, ngħinuh jersaq lejn il-preżenza ta' Kristu, li kif isejjaħlu Santu Wistin huwa "tabib tal-kuxjenzi"[5]. Fi kliem San Ġorġ Preca "fl-isptar ta' Kristu", li fih diversi swali bħalma hija dik tal-korla, tal-għira, tal-mibegħda, tax-xeħħa, tas-serq, tal-vendetta, "it-Tabib tas-Sema" jagħti l-kura li tkun taqbel għall-marda tar-ruħ biex il-bniedem jista' jfiq u jkollu l-paċi[6].

Il-miġja ta' Missierna San Pawl fostna tfakkarna wkoll fl-impenn li aħna għandna biex inkomplu nieħdu ħsieb il-Knisja li l-pedamenti tagħha tqiegħdu minnu. Mal-medda taż-żmien, il-vizjoni tagħna dwar kif għandha tkun din il-Knisja setgħet iċċajpret, tant li hawn min għandu fehmiet imħawda dwar dan. Bl-azzjoni tiegħu Pawlu jurina li l-Knisja hi magħmula mill-morda – dik li l-Papa Franġisku sejħilha "sptar fil-kamp tal-gwerra" li tilqa' fiha lill-feruti[7], uħud minnhom midruba tant serjament li jkun impossibbli li jerġgħu jkunu "sħaħ" bħal qabel. Din hija l-Knisja miftuħa li nixtiequ naraw f'pajjiżna! Jekk nagħmlu mill-Knisja spażju riservat għan-nies spiritwalment b'saħħithom,

4 Ġak 5:14
5 *De civitate Dei*, 5,14
6 Dun Ġorġ Preca, L-isptar ta' Kristu, 1997, 4.
7 Ara Papa Franġisku, Intervista minn Antonio Spadaro SJ fi *La Civiltà Cattolica* (19 Settembru 2013).

inkunu qed nitradixxu s-sejħa tagħna u niskuraġġixxu lil min hu ferut li jidħol u jpoġġi madwar l-artal. Jekk nagħmlu dan, inkunu ninsew dak li qalilna l-Imgħallem: "it-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma b'saħħithom, iżda l-morda... mhux il-ġusti ġejt insejjaħ imma lill-midinbin"[8]. Santu Wistin iwiddibna biex noqogħdu attenti għax min jaħseb li huwa spiritwalment b'saħħtu huwa marid u ma jfieqx għax ma jħossx il-bżonn li jersaq għand Kristu, mentri dawk li jammettu li huma morda jfittxu l-kenn għand Ġesù li jfejjaqhom[9]. Il-kittieba tal-Fariżej ta' żmien Ġesù, kif rawh jiekol mal-midinbin u mal-pubblikani, qalu lid-dixxipli tiegħu: "Dan għaliex jiekol mal-pubblikani u mal-midinbin?" Ġesù semagħhom u qalilhom: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda. Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin"[10].

F'dan "l-isptar fil-kamp tal-gwerra" fejn diversi qegħdin jilagħbuha mal-mewt m'għandniex noqogħdu nistaqsu kemm il-marid, per ezempju, għandu z-zokkor jew il-kolesterol għoli, għax dak li jeħtieġ il-marid f'dan il-mument huwa xi ħaġa aktar importanti: li ngħinuh jitbiegħed mill-mewt...imbagħad wara nkunu nistgħu ngħinuh jikkura aspetti oħra ta' saħħtu. B'dan irridu nfissru li f'din il-Knisja-sptar, l-aktar ħaġa essenzjali hija li l-bniedem tal-lum jintebaħ li Alla jeżisti u li dan Alla tant iħobb lid-dinja li tana lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih isalva[11]. L-ewwel hemm bżonn nonfħu fuq il-ġamar tal-fidi li qed inin, imbagħad meta jerġa' jitkebbes in-nar, nitkellmu fuq aspetti oħra bħalma huma r-regoli tal-morali. It-tħabbira tal-imħabba

8 Mt 9:12-13
9 ara *Sermo* 80,4
10 Mk 2 :16-17
11 ara Ġw 3:16

ta' Alla Feddej tiġi qabel kull obbligu morali u reliġjuż.[12] Jekk nagħmlu xorta oħra, x'aktarx li nkunu npoġġu l-karettun qabel iż-żiemel! Għax kif nista' nitkellem dwar il-kmandamenti t'Alla jekk ma nafx lil dak li tahomna? Meta ma nafx lil Alla, l-istess kmandamenti jsiru bħal ingassa ma' għonqna li tifgana; mentri meta nagħraf lil Alla li jħobbni, il-kmandamenti jsiru għodda meħtieġa biex niksbu l-ħelsien sħiħ.

Ma nistgħux inwarrbu lil min hu marid għax Alla jaf iżurna f'persuna dgħajfa. Is-sitwazzjonijiet ta' miżerja huma għal Alla okkażjoni ta' ħniena; il-mard li jolqotna jaf iservi ta' opportunità biex Alla juri li hu qrib tagħna. Għax "Alla għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'l dawk li huma xi ħaġa"[13]. Għalhekk nagħmlu l-qalb lil dawk li jħossuhom dgħajfin, partikolarment dawk li għaddejjin minn żmien diffiċċli fil-ħajja taż-żwieġ u fil-ħajja tal-familja, biex isibu posthom fil-Knisja għax Alla jaf jinqeda bihom biex jgħallem lil min jaħseb li hu għaref fil-ħwejjeġ t'Alla.

Il-mediċina li ġejja minn Alla u li għandha qawwa li tfejjaqna mill-mard kollu tagħna tissejjaħ "miżerikordja" jew "rikonċiljazzjoni". Għax kollox telaq minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubietna.[14] Anzi, kif naqraw fil-Profeta Iżaija, "Hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. ... Għas-saħħa tagħna waqa'

---

12 «Iċ-ċentralità tal-kerygma titlob li nagħfsu fuq xi karatteristiċi tat-tħabbira li llum neħtiġuhom kullimkien: li tesprimi l-imħabba feddejja ta' Alla li tiġi qabel kull obbligu morali u reliġjuż, li ma timponix il-verità imma tfittex il-libertà, li hi mmarkata mill-ferħ, il-ħeġġa, il-ħajja, u sens ta' milja armonjuża li ma tirriduċix il-predikazzjoni għal ftit duttrini kultant iżjed filosofiċi milli evanġeliċi.» Papa Franġisku, *Il-Ferħ tal-Vanġelu*, 165.

13 1Kor1:27-28

14 ara 2Kor 5:18-19

l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna"[15]. Jekk il-bniedem marad għax nesa lil Alla, bil-mewt u l-qawmien tiegħu Ġesù neħħa d-distanza li kienet tifridna minn Alla. Il-bniedem jibqa' ħieles jekk jilqax jew le din il-mediċina, tant li bħal San Pawl intennulkom: nitlobukom f'isem Kristu agħmlu ħbieb ma' Alla.[16]

Huma bla tarf il-modi kif Alla jdewwaqna din id-duwa; imma l-mezz sempliċi li minnu taslilna din il-qawwa li tfejjaq huwa s-sagrament tal-qrar magħruf ukoll bħala s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni jew tal-penitenza.

Meta permezz ta' dan is-sagrament il-bniedem iduq il-benna tal-ħniena ta' Kristu, hu jibda jintebaħ bil-kruha tad-dnub u jibda jħoss l-indiema u jikkonverti! Fid-dawl tal-esperjenza li għandna bħala ragħajja tagħkom, nagħmlu tagħna dak li jgħidilna l-Papa Franġisku: hemm bżonn inqiegħdu b'konvinzjoni fiċ-ċentru tal-pastorali tagħna s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni biex jagħtina li mmissu b'idejna l-kobor tal-ħniena.[17] Is-sagrament tal-qrar mhux maġija. F'ċerti sitwazzjonijiet dan is-sagrament huwa parti minn proċess ta' fejqan li jieħu ż-żmien. Hemm feriti li jibqgħu jnixxu anke wara li nkunu rċevejna l-maħfra. L-assoluzzjoni hija doża mill-mediċina divina li tgħin fil-proċess ta' fejqan. Barra minn hekk, hemm feriti li għalkemm ifiqu jħallu l-marka warajhom bħal fil-każ ta' meta, għalkemm jindem, il-bniedem ma jkunx jista' isewwi l-ħsara li jkun għamel. Il-fatt li l-midneb, minħabba ċerti ċirkustanżi ma jkunx jista' jreġġa' lura l-arloġġ, ma jfissirx li ma jistax jirċievi l-maħfra.

---

15 Is 53:4-5
16 ara 2 Kor 5:20
17 Ara Papa Franġisku, *Misericordiae Vultus*, 17.

Il-ħniena ta' Alla tant hija bla limitu li kapaċi tagħtina skandlu! Hemm min ma jifhimx kif Alla huwa dejjem lest biex iqassam din il-mediċina tal-ħniena. Imma jista' jiġri li "aħna" tqal biex naħfru għaliex kif jgħallem Ġesù, inħossuha iżjed faċli naraw it-tibna li hemm f'għajn ħutna milli t-travu li hemm f'għajnejna[18]. Huwa biss meta ngħoddu ruħna mal-midinbin li naslu biex ikollna l-umiltà u l-kuraġġ biex naħfru.

Nhar l-Erbgħa li għaddew tajna bidu għar-Randan bħala tħejjija għall-Għid il-Kbir. Is-sagrament tal-qrar huwa rigal li Ġesù tana dakinhar stess li qam mill-mewt. Fil-fatt, nhar l-Għid filgħaxija, Ġesù ġie f'nofs l-appostli u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura"[19]. F'dan il-Ġublew tal-Ħniena nitolbu lil Alla bl-interċessjoni tal-Madonna, Saħħa tal-Morda, biex it-taħriġ qaddis ta' matul dan ir-Randan inħalluh jidlek biż-żejt u jinfaxxa l-ġrieħi[20], biex ma' Kristu Rxoxt inkunu "ħolqien ġdid".[21]

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna

Illum, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, 2 ta' Frar 2016.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

---

18 ara Lq 6:41
19 Ġw 20:19-23
20 ara Lq 10:34
21 2Kor 5:17